

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bayerischer
Verwaltungsgerichtshof (il-Ġermanja) fis-27 ta' Lulju 2012
— Wolfgang Glatzel vs Freistaat Bayern**

(Kawża C-356/12)

(2013/C 9/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bayerischer Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Wolfgang Glatzel

Konvenuta: Freistaat Bayern

Domandi preliminari

Il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE, tal-25 ta' Awwissu 2009 ⁽²⁾, hija konformi mal-Artikoli 20, 21(1) u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn din id-dispożizzjoni teżiġi mill-kandidati għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' liċenzja tas-sewqan għall-kategoriji C1 u C1E, mingħajr l-ebda possibbiltà ta' deroga, akutezza minima fil-vista ta' 0.1 fl-aġħar għajn, anki meta l-vista ta' dawn il-persuni hija binokkja u li għandhom kamp tal-vista normali fiż-żewġ għajnejn?

⁽¹⁾ ĠU L 403, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 223, p. 31.

**Appell ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2012 mill-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali
(Is-Seba' Awla) fl-14 ta' Ġunju 2012 fil-Kawża T-396/09 —
Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop
Luchtverontreiniging Utrecht vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-401/12 P)

(2013/C 9/42)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u K. Michoel)

Partijiet oħra fil-proċedura: Vereniging Milieudefensie, Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Parlament Ewropew

Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2012 fil-Kawża T-396/09;

— tiċħad kompletament ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fl-ewwel istanza;

— tikkundanna *in solidum* lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż tal-Kunsill f'din il-kawża.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fil-fehma tal-Kunsill, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża msemmija iktar 'il fuq fiha żewġ żbalji ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza magħrufa bħala "Nakajima" ⁽¹⁾ u "Fediol" ⁽²⁾. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-legalità tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ⁽³⁾ setgħet tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Århus ⁽⁴⁾.

Barra minn hekk, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-għażla magħmula mil-leġislatur fir-Regolament Nru 1367/2006 hija fi kwalunkwe każ konformi mal-Konvenzjoni ta' Århus. F'dan ir-rigward, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Århus mill-Qorti Ġenerali ma hijiex korretta sa fejn ma tieħux inkunsiderazzjoni l-marġni ta' diskrezzjoni li l-Konvenzjoni tirri-konoxxi lill-partijiet firmatarji tagħha.

Għaldaqstant, il-Kunsill jitlob li tiġi annullata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża msemmija iktar 'il fuq u li tingħata deċiżjoni dwar il-mertu tal-kawża billi jiġi miċħud kompletament ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fl-ewwel istanza.

⁽¹⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 1991, Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, Ġabra p. I-2069).

⁽²⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 1989, Fediol vs Il-Kummissjoni (70/87, Ġabra p. 1781).

⁽³⁾ Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istitutuzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, p. 13).

⁽⁴⁾ Konvenzjoni ta' Århus, tal-25 ta' Ġunju 1998, dwar l-aċċess għall-infurmazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, adottata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, 16.6.2006, p. 17).